



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2011/0364(COD)**

27.4.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jemenda r-Regolament (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-  
klieb il-baħar abbord ta' bastimenti  
(COM(2011)0798 – C7-0431/2011 – 2011/0364(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Andrea Zaroni

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### *Il-proposta tal-Kummissjoni*

Il-prattika ħażina tal-'finning', jew it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti biex wara l-iġsma tagħhom jintremew fil-baħar, hi uffiċjalment ipprojbata fl-Unjoni Ewropea sa mill-2003 bir-Regolament (KE) Nru 1185/2003.

Dan ir-Regolament jipprevedi l-possibilità li jsiru derogi biex jingħataw "permessi speċjali", eċċezzjonijiet li saru r-regola partikolarment għal żewġ Stati Membri, Spanja u l-Portugall.

Is-sistema kumplikata biex tingħata awtorizzazzjoni għat-tneħħija tax-xewka abbord ta' bastimenti fil-limitu tal-proporzjon ta' 5% bejn il-piż tax-xewka u l-karkassa, fil-fatt, għamlitha impossibbli li jsiru kontrolli effettivi. Infatti hu ferm diffiċli li jiġi verifikat dan il-proporzjon (il-piż tal-karkassa jvarja, skont jekk din tkunx imnaddfa jew le), partikolarment jekk ix-xewka u l-karkassa jinħattu fportijiet differenti.

Kif dikjarat b'mod unanimu mill-opinjoni xjentifika, biex jitwaqqaf il-'finning', jeħtieġ li jkun hemm l-obbligu li x-xewka ma titneħħiex minn mal-ġisem qabel ma tinħatt.

Fid-dawl ta' dan u bi qbil mal-obbligi meħuda fuq livell tal-FAO, fl-2009 l-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni tal-Komunità għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-klieb il-baħar, li minnha ħarġet din il-proposta li timmodifika r-Regolament (KE) Nru 1185/2003 filwaqt li telimina kull deroga li hemm bħalissa.

### *Suq ta' speċijiet vulnerabbli*

Il-ħut li jappartjeni għall-grupp tassonomiku *Elasmobranchii*, inklużi l-klieb il-baħar, ir-rebakkini u r-raj, għandhom karatteristiċi bijoloġiċi speċifiċi li jagħmilhom partikolarment vulnerabbli għal sajd mhux regolamentat u intensiv. Il-potenzjal riproduttiv tagħhom hu baxx u l-kapaċità tagħhom li jkattru r-razza u jirkupraw il-popolazzjoni hi baxxa minħabba li jilħqu l-maturità sesswali tagħhom pjuttost tard: pereżempju, il-kelb il-baħar Mako maskili jilħaq il-maturità sesswali ta' 7/9 snin u l-ispeċi femminili ta' 19/21 sena; barra minn hekk din l-ispeċi tirriproduċi biss kull tliet snin u t-tqala ddum madwar 15/18-il xahar, u dan iwassal għal prokreazzjoni ta' numru limitat ta' frieħ.

L-ispeċijiet li huma l-aktar suġġetti għas-sajd huma l-Verdesca (*Prionace glauca*) imsejħa wkoll ħuta kaħlija li tammonta għal 80% tas-sajd Ewropew u l-Mako (*Isurus oxirinchus*) li tammonta għal madwar 10%. L-IUCN tqis il-kelb il-baħar Mako bħala speċi vulnerabbli u l-Verdesca hi mhedda globalment u "vulnerabbli" fil-Mediterran.

Quddiem it-tnaqqis fl-istokk ta' dawn l-ispeċijiet, l-Istati Uniti, 8 pajjiżi tal-Amerika Ċentrali, it-Tajwan, il-Ġermanja u r-Renju Unit diġà ddeċidew li ma jippermettux aktar it-tneħħija tax-xewka tal-kelb abbord ta' bastimenti tas-sajd.

L-Ewropa tinsab fit-tieni post fuq livell globali għall-għadd ta' qbid ta' klieb il-baħar: skont l-informazzjoni maħruġa mill-Fishstat tal-FAO, l-Istati Membri tal-UE ddikjaraw li fl-2009 ħattew 111 916-il tunnellata ta' raj u klieb il-baħar, ekwivalenti għal 16% ta' dak kollu li

jitniżżel l-art globalment.

L-Unjoni Ewropea hi wieħed mill-akbar esportaturi tax-xewka tal-kelb il-baħar lejn is-swieq ta' Hong Kong u ċ-Ċina u dan il-kummerċ hu wieħed mill-aktar setturi tas-sajd li jrendi: ix-xewka hi, infatti, l-ingredjent bażiku tas-"soppa ċiniża" li hi mfittxija sew.

### ***Il-pożizzjoni tar-Rapporteur għal opinjoni***

Ir-Rapporteur jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni. il-metodu tax-xewka mwaħħla b'mod naturali hu l-uniku mod validu biex jiġi limitat il-'finning' u jkun garantit il-kontroll sempliċi, effikaċi u mingħajr piż żejjed għall-Istati Membri fir-rispett tar-Regolament attwali. L-emendi mressqa għandhom għalhekk l-għan li jiċċaraw u jsaħħu t-test.

B'mod partikolari, hu importanti li tiġi żgurata l-estensjoni tal-ispezzjonijiet biex ikopru l-għan kollu tar-Regolament, u li dan jiġi applikat mhux biss għal bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera tal-Istati Membri, imma anke għal bastimenti tas-sajd fl-ibħra tal-Unjoni. Pereżempju huma wisq frekwenti l-każijiet fejn bastimenti tas-sajd bil-konz Ġappuniżi jniżżlu l-art ix-xewka tal-klieb il-baħar fil-port ta' Vigo, fil-Galizja.

Minħabba nuqqas ta' informazzjoni u ta' dejta xjentifika għal dawn l-ispeċijiet, l-Istati Membri għandhom, fir-rapporti annwali tagħhom lill-Kummissjoni, jgħaddu informazzjoni aktar dettaljata dwar il-klieb il-baħar li jitniżżlu l-art, u din għandu jkun fiha l-identifikazzjoni tal-ispeċi maqbuda, il-kwantità, il-piż totali għal kull speċi u ż-żona ta' sajd tagħhom, b'mod li tinħoloq bażi tad-dejta xjentifikament affidabbli li hi meħtieġa biex isiru miżuri li jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni tal-Komunità għall-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-klieb il-baħar.

Jeħtieġ barra minn hekk li tiġi ssorveljata aktar il-kwalità tal-kontrolli li qed isiru, b'mod li l-Kummissjoni jkollha informazzjoni aktar preċiża u kompleta dwar l-ispezzjonijiet u s-sanzjonijiet li qed jiġu applikati fid-diversi Stati Membri.

Hu xieraq li jiġi ċċarat ukoll fit-test tar-Regolament l-obbligu għal kull bastiment tas-sajd li jniżżel l-art il-klieb il-baħar bix-xewka tagħhom imwaħħla *b'mod naturali* magħhom, informazzjoni li attwalment hi biss implikata fit-test.

Fl-aħħar nett jixtieq ifakkar fil-kunsens politiku qawwi mill-maġġoranza tad-deputati tal-Parlament Ewropew fid-dikjarazzjoni bil-miktub tas-16 ta' Diċembru 2010, li fiha l-Kummissjoni ġiet mitluba tipprojbixxi kompletament it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar. B'din il-proposta l-Eżekuttiv tal-UE segwa konkretament din it-talba meħtieġa: issa l-Parlament ma jistax ħlief jappoġġja b'mod sħiħ.

## **EMENDI**

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

## Emenda 1

### Proposta għal regolament Premessa 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Il-ħut li jappartjeni għall-grupp tassonomiku Elasmobranchii, inklużi l-klieb il-baħar, ir-rebekkini u r-raj ġeneralment huma vulnerabbli ħafna għas-sajd eċċessiv minħabba l-karatteristiċi taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom billi jikbru bil-mod, jimmaturaw tard, u jkollhom għadd żgħir ta' friegħ. Fis-snin riċenti, xi popolazzjonijiet tal-klieb il-baħar kienu ħafna fil-mira u kienu mhedda serjament speċjalment minħabba ż-żieda drammatika fid-domanda għall-prodotti tal-klieb il-baħar, speċjalment ix-xewk.

#### *Emenda*

(2) Il-ħut li jappartjeni għall-grupp tassonomiku Elasmobranchii, inklużi l-klieb il-baħar, ir-rebekkini u r-raj ġeneralment huma vulnerabbli ħafna għas-sajd eċċessiv minħabba l-karatteristiċi taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom billi jikbru bil-mod, jimmaturaw tard, u jkollhom għadd żgħir ta' friegħ. ***Is-sajd mhux sostenibbli tal-klieb il-baħar poġġa fil-periklu l-bilanċ tal-ekosistema tal-baħar u fis-snin riċenti, xi popolazzjonijiet tal-klieb il-baħar kienu sew fil-mira ta' bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' Stati Membri jew ta' pajjiżi terzi f'ibħra li jaqgħu taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri jew f'ibħra oħra, u kienu mhedda serjament bħala riżultat taż-żieda drammatika fid-domanda għall-prodotti tal-klieb il-baħar, speċjalment ix-xewk. Id-domanda dejjem tikber għal preparazzjonijiet tax-xewka tal-klieb il-baħar u l-prezz għoli li jgħibu wasslu wkoll għal żieda fis-sajd illegali.***

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***2a. Minkejja li x-xewk tal-klieb il-baħar mhuwiex ingredjent tradizzjonali tad-dieta Ewropea, il-klieb il-baħar jikkostitwixxu element neċessarju tal-ekosistema marittima tal-Unjoni; jeħtieġ, għalhekk, tingħata prijorià għall-ġestjoni u l-konservazzjoni tagħhom kif ukoll, b'mod ġenerali, għall-promozzjoni ta' settur tas-sajd ġestit b'mod sostenibbli għall-***

*benefiċċju tal-ambjent u ta' dawk li jaħdmu fis-settur.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1185/2003 jippermetti lill-Istati Membri biex jorghu permessi speċjali għas-sajd li jippermettu l-iproċessar abbord, meta x-xewka tal-klieb il-baħar tista' titneħħa minn ġisimhom. Sabiex ikun żgurat li l-piż tax-xewk jikkorrispondi għall-kumplament tal-ġisem, għandu jkun stabbilit proporzjon tal-piż tax-"xewka mal-karkassa". Madankollu, wara operazzjonijiet ta' pproċessar, ix-xewk u l-kumplament tal-ħut jistgħu jitniżżlu l-art f'portijiet differenti. **F'dawn il-każijiet**, l-użu tal-proporzjoni ma jibqax effettiv u jagħti lok biex tokkorri t-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ġbir ta' dejta pereżempju l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet, l-istruttura tal-popolazzjonijiet il-bażi ta' konsulenza xjentifika għall-istabbiliment ta' miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd, **hija mxekkla**.

##### *Emenda*

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1185/2003 jippermetti lill-Istati Membri biex jorghu permessi speċjali għas-sajd li jippermettu l-iproċessar abbord, meta x-xewka tal-klieb il-baħar tista' titneħħa minn ġisimhom. Sabiex ikun żgurat li l-piż tax-xewk jikkorrispondi għall-kumplament tal-ġisem, għandu jkun stabbilit proporzjon tal-piż tax-"xewka mal-karkassa". Madankollu, **il-proporzjon huwa teoretiku, għaliex huwa bbażat fuq il-proporzjon tal-piż tax-xewk tal-klieb il-baħar mal-ġisem kollu tal-klieb il-baħar, mentri l-klieb il-baħar b'mod ġenerali jitniżżlu l-art diġà ttrattati (jiġifieri, imnaddfa u bla ras)**. **Għalhekk, ix-xewk u l-karkassi tal-klieb il-baħar ma jistgħux ikunu mqabbla b'mod dirett fir-rigward tal-proporzjon, u l-kontroll ikun jiddependi fuq fatturi ta' konverżjoni speċifiċi għall-ispeċi, b'hekk l-infurzar tar-regoli jsir aktar ikkumplikat. Il-proporzjon huwa wkoll ogħla mill-medja tal-piż tax-xewka mal-karkassa għal xi speċijiet (eż., il-kelb il-baħar mako, u l-Isurus oxyrinchus)**. **Barra minn hekk, wara operazzjonijiet ta' pproċessar, ix-xewk u l-kumplament tal-ħut jistgħu jitniżżlu l-art f'portijiet differenti. Għal dawn ir-raġunijiet**, l-użu tal-proporzjoni ma jibqax effettiv u jagħti lok biex tokkorri t-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ġbir ta' dejta pereżempju l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet, l-istruttura tal-popolazzjonijiet il-bażi ta' konsulenza xjentifika għall-istabbiliment ta' miżuri ta' konservazzjoni **u l-ġestjoni tas-sajd, kif ukoll l-infurzar tar-**

*Regolament u l-piena għal nuqqas ta' konformità, huma mxekkla.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament  
Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a. L-Istati Membri tal-Unjoni huma mħassba ħafna dwar il-kwistjonijiet ambjentali u l-Unjoni qed taspira li tkun leader fil-konservazzjoni tal-ekosistemi; madankollu, il-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni rigward l-ispeċijiet li jappartjenu għall-grupp tassonomiku Elasmobranchii mhijiex b'saħħitha daqs kemm hi f'pajjiżi oħra u mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-ġestjoni sostenibbli u l-konservazzjoni ta' dawk l-ispeċijiet, minħabba l-proporzjon għoli tax-xewka mal-karkassa, in-nuqqas ta' kwoti għal ħafna speċijiet u d-derogi li jeżistu.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament  
Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) Fl-1999, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti adottat il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Klieb il-Baħar, li kien il-bażi għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni **tal-2009** dwar Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità Ewropea għall-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Klieb il-Baħar fejn l-Unjoni impenjat ruħha li tadotta l-miżuri neċessarji kollha għall-konservazzjoni tal-klieb il-baħar u biex timminimizza l-iskart u r-rimi minn qabdiet tal-klieb il-baħar. Il-Kunsill approva l-approċċ kumplessiv u objettivi

(4) Fl-1999, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti adottat il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Klieb il-Baħar, li kien il-bażi għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni **tal-5 ta' Frar 2009** dwar Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità Ewropea għall-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Klieb il-Baħar fejn l-Unjoni impenjat ruħha li tadotta l-miżuri neċessarji kollha għall-konservazzjoni tal-klieb il-baħar u biex timminimizza l-iskart u r-rimi minn qabdiet tal-klieb il-baħar. Il-Kunsill approva l-approċċ kumplessiv u objettivi

speċifiċi tal-Unjoni kif stabbiliti f'dik il-Komunikazzjoni.

speċifiċi tal-Unjoni kif stabbiliti f'dik il-Komunikazzjoni **u ħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari għall-kwestjoni tat-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar u tippreżenta malajr kemm jista' jkun emendi għar-Regolament (KE) Nru 1185/2003, b'mod partikolari dwar id-derogi u l-modalitajiet tiegħu.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-konklużjonijiet tal-Kunsill għandhom referenza espliċita għar-Regolament Nru 1185/2003 u għall-ħtieġa li jiġu modifikati d-derogi għall-projbizzjoni tat-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar li hemm fiha.*

### **Emenda 6**

#### **Proposta għal regolament Premessa 6**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) L-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd qegħdin jindirizzaw dejjem iktar din il-kwistjoni tat-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar u l-korpi xjentifiċi tagħhom qed jagħtu preferenza għat-tniżżil ta' klieb il-baħar li jkollhom ix-xewka mwaħħla b'mod naturali mal-kumplament ta' ġisimhom.

##### *Emenda*

(6) L-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd qegħdin jindirizzaw dejjem iktar din il-kwistjoni tat-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar u l-korpi xjentifiċi tagħhom qed jagħtu preferenza għat-tniżżil ta' klieb il-baħar li jkollhom ix-xewka mwaħħla b'mod naturali mal-kumplament ta' ġisimhom, ***filwaqt li jinnotaw li dan huwa l-aħjar mod li jimpedixxi t-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar, u se jiffaċilita l-ġbir tad-dejta li hemm b'żonn għall-valutazzjonijiet tal-istokkijiet.***

### **Emenda 7**

#### **Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(6a) Id-dikjarazzjoni tal-Parlament  
Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar***



*l-appoġġ biex tissaħħaħ-il-projbizzjoni tat-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar imposta mill-Unjoni Ewropea<sup>1</sup> tikkritika d-derogi previsti għar-Regolament (KE) Nru 1185/2003 u tistieden lill-Kummissjoni biex fil-modifika ta' dan ir-Regolament tikkunsidra l-metodu tax-xewka tagħhom imwahnha b'mod naturali".*

<sup>1</sup>P7\_TA(2010)0497.

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Parlament, fid-dikjarazzjoni bil-miktub approvata fis-16 ta' Diċembru 2010, stieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta bil-għan li tipprojbixxi kompletament "it-tneħħija tax-xewka" mill-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti tas-sajd sat-tieni anniversarju tal-Pjan ta' azzjoni Komunitarju dwar il-klieb il-baħar (Frar 2011).*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 7**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Fl-2010-2011, bħala parti mill-eżerċizzju meħtieġ tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni Ewropea għamlet konsultazzjoni pubblika sabiex tiġbor informazzjoni dwar l-iktar mod xieraq li bih ir-Regolament (KE) Nru 1185/2003 għandu jkun emendat. Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tal-impatt hija li r-Regolament għandu jkun emendat sabiex il-klieb il-baħar kollha għandhom jitniżżlu bix-xewka tagħhom imwahnha. Huwa neċessarju u xieraq għall-kisba tal-objettiv bażiku tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-klieb il-baħar u fl-isfond tal-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika li r-Regolament (KE) Nru 1185/2003 ikun emendat kif xieraq;

#### *Emenda*

(7) Fl-2010-2011, bħala parti mill-eżerċizzju meħtieġ tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni Ewropea għamlet konsultazzjoni pubblika sabiex tiġbor informazzjoni dwar l-iktar mod xieraq li bih ir-Regolament (KE) Nru 1185/2003 għandu jkun emendat. ***Ir-riżultati tal-konsultazzjoni juru li l-approċċ li jwassal biex ma titneħħiex ix-xewka huwa meqjus bħala l-għażla preferita.*** Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tal-impatt hija li r-Regolament għandu jkun emendat sabiex il-klieb il-baħar kollha għandhom jitniżżlu bix-xewka tagħhom imwahnha ***b'mod naturali.*** Huwa neċessarju u xieraq għall-kisba tal-objettiv bażiku tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-klieb il-baħar u fl-isfond tal-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika li r-Regolament (KE) Nru 1185/2003 ikun emendat kif xieraq;

## Ġustifikazzjoni

*Jeħtieġ nippreċiżaw b'mod ċar u inekwivokabbli li l-klieb il-baħar kollha maqbuda jridu jitniżżlu l-art bix-xewka tagħhom imwahnla b'mod naturali magħhom biex ikun evitat li jkun hemm Prattiki mhux korretti bħal pereżempju li x-xewka titqiegħed ġo boroż apposta u mbagħad titqiegħed mal-karkassa.*

### Emenda 9

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1185/2003

Artikolu 3 – paragrafi 1a (ġdid) u 1b (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) ***Il-paragrafu 1a li ġej jiddaħħal*** wara l-paragrafu 1 tal-Artikolu 3:

“1a. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1 u sabiex ikun iffaċilitat il-ħżin abbord, ix-xewk tal-klieb il-baħar jista' jitqatta' f'biċċiet u jintewa kontra l-karkassa.”

#### *Emenda*

2) ***Għandhom jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin*** wara l-paragrafu 1 tal-Artikolu 3:

“1a. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1 u sabiex ikun iffaċilitat il-ħżin abbord, ix-xewk tal-klieb il-baħar jista' jitqatta' f'biċċiet u jintewa kontra l-karkassa.”

***1b. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1a, il-klieb il-baħar kollha maqbuda jeħtieġ li jitniżżlu l-art bix-xewka tagħhom imwahnla b'mod naturali magħhom.***”

## Ġustifikazzjoni

*Jeħtieġ nippreċiżaw b'mod ċar u inekwivokabbli li l-klieb il-baħar kollha maqbuda jridu jitniżżlu l-art bix-xewka tagħhom imwahnla b'mod naturali magħhom. Din id-dispożizzjoni mhi mniżżla fl-ebda parti oħra tat-test.*

### Emenda 10

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 1 – punt 5

Regolament (KE) Nru 1185/2003

Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Meta bastiment tas-sajd li jtajjar bandiera ta' Stat Membru jaqbad, iżomm abbord, jitrażborda jew iħott*** klieb il-

#### *Emenda*

1. ***L-Istat Membru li l-bastimenti tas-sajd tiegħu jaqbd, iżommu*** abbord, ***jitrażbordaw jew iħottu*** klieb il-baħar,

baħar, ***l-Istat Membru tal-bandiera*** għandu jibgħat lill-Kummissjoni mhux iktar tard mill-1 ta' Mejju, rapport annwali komprensiv dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-snin preċedenti. Ir-rapport għandu jiddeskrivi l-monitoraġġ tal-konformità tal-bastimenti mar-Regolament u l-miżuri ta' infurzar li jkunu ħadu l-Istati Membri fil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità. B'mod partikolari, għandha tkun ipprovduta l-informazzjoni li ġejja:

***u/jew l-Istat Membru li fih bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' pajjiż terz ittrażbordaw jew iħottu klieb il-baħar*** għandu jibgħat lill-Kummissjoni mhux iktar tard mill-1 ta' Mejju, rapport annwali komprensiv dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-snin preċedenti. Ir-rapport għandu jiddeskrivi l-monitoraġġ tal-konformità tal-bastimenti mar-Regolament u l-miżuri ta' infurzar li jkunu ħadu l-Istati Membri fil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità. B'mod partikolari, għandha tkun ipprovduta l-informazzjoni li ġejja, ***b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-Kunsill, tal-20 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>1</sup> u għar-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011 tal-Kummissjoni, tat-8 ta' April 2011, dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>2</sup>:***

---

<sup>1</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 1 tar-Regolament 1185/2003 jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni: dan ma japplikax biss għall-bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera tal-Istati Membri, imma wkoll għall-bastimenti kollha fl-ibħra li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom. Barra minn hekk, xi Stati Membri li l-bastimenti tagħhom tas-sajd ma jaqbdux, jew iżommu abbord jew jittrażbordaw jew iħottu klieb il-baħar għandhom portijiet li fihom bastimenti ta' pajjiżi terzi jistgħu jħottu l-klieb il-baħar. Fl-aħħar nett, iż-żewġ Regolamenti jdaħħlu regoli speċifiċi għall-kontroll tas-sajd u rekwiżiti dettaljati dwar spezzjonijiet u sanzjonijiet.*

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 5

Regolament (KE) Nru 1185/2003

Artikolu 6 – paragrafu 1 – inċiż 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– L-għadd ta' tniżżil l-art ta' klieb il-baħar;

#### *Emenda*

– l-għadd ta' tniżżil l-art ta' klieb il-baħar **u, għal kull ħatt, in-numru ta' eżemplari skont l-ispeċi u ż-żona ta' sajd u l-piż totali għal kull speċi;**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, ir-Regolament 1185/2003 ma jippermettix il-ġbir ta' dejta skont l-identifikazzjoni tal-ispeċi u tal-popolazzjoni, meta dawn jikkostitwixxu l-bażi tal-parir xjentifiku biex jiġu implimentati l-miżuri għall-ġestjoni u l-konservazzjoni. Hu għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri jirreġistraw liema huma l-ispeċi ta' klieb il-baħar li tniżżlu l-art, iż-żoni tas-sajd, il-kwantità tal-eżemplari u l-piż totali għal kull speċi, u li jniżżlu din l-informazzjoni fir-rapporti annwali.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 5

Regolament (KE) Nru 1185/2003

Artikolu 6 – paragrafu 1 – inċiż 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– L-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa;

#### *Emenda*

– l-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa, **id-data u l-post;**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Biex ikun hemm stampa eżawrjenti tal-applikazzjoni korretta tar-Regolament attwali mill-Istati Membri hu importanti li jkun hemm informazzjoni preċiża dwar il-kontrolli li jsiru mill-awtoritajiet kompetenti.*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 5

Regolament (KE) Nru 1185/2003

Artikolu 6 – paragrafu 1 – inċiż 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– L-għadd u n-natura ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati, inkluża identifikazzjoni sħiħa tal-bastiment(i) involut(i).

#### *Emenda*

– l-għadd u n-natura ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati, inkluża identifikazzjoni sħiħa tal-bastiment(i) involut(i) ***u s-sanzjonijiet applikati għal kull każ ta' ksur tar-regoli.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, li jstabilixxi sistema Komunitarja għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, jipprevedi miżuri xierqa (fosthom, b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-ftuħ ta' proċeduri amministrattivi jew penali) li jittieħdu fil-konfront ta' persuni jew entitajiet ġuridiċi suspettati li kkommettew ksur tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.*

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it- tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0798 – C7-0431/2011 – 2011/0364(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 30.11.2011
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 30.11.2011
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Andrea Zanoni 19.1.2012
<b>Eżami fil-kumitat</b>	29.2.2012
<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.4.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 50 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Lajos Bokros, Nessa Childers, Yves Cochet, Chris Davies, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Nick Griffin, Matthias Grootte, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Eija-Riitta Korhola, Peter Liese, Kartika Tamara Liotard, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Oreste Rossi, Daciana Octavia Sârbu, Horst Schnellhardt, Bogusław Sonik, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jacqueline Foster, Julie Girling, Judith A. Merkies, Vittorio Prodi, Michèle Rivasi, Struan Stevenson, Anna Záborská, Andrea Zanoni